MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2009

Numru 693/2009

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Ivan Pirotta
Rhodian Pirotta

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 491877(M) u 379876(M) rispettivament akkuzati talli:

1. nhar id-19 ta’ Lulju 2009 ghall-habta ta’ xi 00:30Hrs, gewwa dawn il-Gzejjer, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ PC1112 Gorg Buhagiar persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz

pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 96(a) tal-Kap 9;

2. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurjaw, heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ PC 1112 Gorg Buhagiar persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur ta’ Artuikolu 95(1) tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahlu fid-dmirijiet taghhom u dan bi ksur ta’ Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9;

4. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi hebbew ghal PC 1112 Gorg Buhagiar sabiex jingurjawh, iddejjquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9;

5. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ l-artikolu 338(dd) u 342 tal-Kap 9;

6. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9;

7. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li itellfu jew inaqqsu l-gieh ta’ PC 1112 Gorg Buhagiar iweggghuh bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kap 9;

8. fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi imbuttaw lil imsemmi PC 1112 Gorg Buhagiar sabiex iweggghuh jew jinsulentawh u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 339 (1) (l) tal-Kap 9;

**Lil Ivan Pirotta wahdu talli:-**

fl-istess jum, data, lok u cirkostanzi kellu fil pussess tieghu arma, strument u ghodda ohra li ma titqisx bhala arma, hlief meta fil-fatt tigi wzata ghall-offiza jew ghad-difiza, u li f'dan il-kaz dawn jissejhu armi irregolari u dan bi ksur ta Artiklu 64 (2) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' PC 1112 Gorg Buhagiar u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9.

Semghet lill-imputati f'din l-ewwel dehra jammettu l-akkuzi rispettivi migjuba kontra taghhom, fuq liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw;

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghhom, wkoll mill-istqarrijiet rispettivi taghhom mhux biss jirrisulta li l-akkuzi jinsabu pruvati izda li anka l-arrest taghhom kien gustifikat;

Rat l-Artikolu 96(a), 95(1), 338 bb, dd, ee, 339(d)(e)(l), 342, 252(1), 17 u l-Artikolu 64 (2) tal-Kap 9 dan però fil-konfront biss ta' l-akkuzat Ivan Pirotta.

Tiddeciedi li tikkundanna: l-imputat Ivan Pirotta ghal sitt xhur prigunerija; lill-imputata Rhodian Pirotta ghal tlett xhur prigunerija. Tordna però li tissospendi l-perjodu inflitt ta' prigunerija, fiz-zewg kazi, ghal sena mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 bil-kundizzjoni li l-imputati ma jaghmlux reat iehor fil-perjodu operattiv.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbiltajiet taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------